

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 142/2019

tal-14 ta' Ġunju 2019

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2134]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/111 tal-24 ta' Jannar 2019 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-estratt tal-ħops (*Humulus lupulus* L. flos) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma, għall-ħnieżer għat-tismin u għall-ispeċijiet minuri ta' porċini miftuma u għat-tismin ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/144 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' 3-fitażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (CECT 13094) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u speċijiet minuri ta' tjur tas-simna jew li jiġu mrobbija għall-bajd jew għat-tgħammir (id-detentur tal-awtorizzazzjoni: Fertinagro Biotech S.L.) ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 283 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/49) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- "284. **32019 R 0111:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/111 tal-24 ta' Jannar 2019 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-estratt tal-ħops (*Humulus lupulus* L. flos) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma, għall-ħnieżer għat-tismin u għall-ispeċijiet minuri ta' porċini miftuma u għat-tismin (ĠU L 23, 25.1.2019, p. 14).
285. **32019 R 0144:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/144 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' 3-fitażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (CECT 13094) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u speċijiet minuri ta' tjur tas-simna jew li jiġu mrobbija għall-bajd jew għat-tgħammir (id-detentur tal-awtorizzazzjoni: Fertinagro Biotech S.L.). (ĠU L 27, 31.1.2019, p. 8)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/111 u 2019/144 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 23, 25.1.2019, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 27, 31.1.2019, p. 8.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2019.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.